MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 15/2007/1

**Josephine Mary Vella**

**v.**

**Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali; L-Avukat Generali u l-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal-Kirkop**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell tal-intimati u appell incidentali tar-rikorrenti minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-11 ta' Ottubru 2011 li

laqghet it-talbiet tar-rikorrenti u kkundannat lill-intimati sabiex ihallsuha €60,000 bejniethom filwaqt li ordnat lill-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal-Kirkop biex jizgombra mill-fond 14, Kirkop Square, Kirkop fi zmien tliet xhur mil-lum.

**2.** Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, is-sentenza appellata qed tigi hawn riprodotta fl-intier taghha.

“Il-Qorti:

“Rat ir-rikors ta' Josephine Mary Vella li, in forza tieghu, wara li ppremettiet illi:

“Hija proprjetarja tal-fond numru 14, Kirkop Square, Kirkop.

“Dan il-fond kien gie rekwisizzjonat fit-3 ta' Dicembru, 1955 permezz ta' ordni ta' rekwizizzjoni numru 14349A, u gie mill-awtorita' kompetenti allokat lill-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal-Kirkop;

“Il-persuni allokati fil-fond mill-Awtorita' kompetenti qatt ma gew rikonoxxuti bhala inkwilini mis-sidien u l-kera baqghet tithallas lis-sidien minghand l-intimat;

“L-intimat, awtorita' kompetenti, qieghda thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tletin Lira Maltija (Lm30) fis-sena bhala kumpens ghat-tehid ta' dan il-fond;

“Il-kazin tal-banda fuq imsemmi pproceda minghajr l-awtorita' tas-sidien biex jaghmel alterazzjonijiet u tibdil estensiv strutturali fil-fond b'mod li snatura l-istess fond u l-kawza hsara irreparabbli;

“L-ordni ta' rekwizizzjoni fuq imsemmija ma hiex fl-interess pubbliku u ma hemm l-ebda proporzjonalita' jew bilanc bejn il-kumpens li qieghed jithallas lir-rikorrent u l-valur attwali tal-fond fuq is-suq illum;

“Inoltre dan l-istat ta' fatt ilu llum jipperdura ghal 52 sena u ma hemm l-ebda prospettiva li f'xi futur ragjonevoli, ir-

rikorrenti sejra timpussessa lura ruhha mill-fond mehud mill-poter taghha;

“Inoltre dan l-agir fil-konfront taghha huwa wiehed diskriminatorju fir-rigward tat-tgawdija minnha tal-proprjeta’ taghha, billi hija qieghda terfa’ l-piz kollu fir-rigward l-allokazzjoni tal-istess fond li suppost jinkombi fuq l-istat;

“Dan l-agir abbusiv u diskriminatorju tal-awtoritajiet kompetenti jammonta ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta’ taghha kif ukoll li ma ssofriex diskriminazzjoni fit-tgawdija ta’ dan id-dritt u dan bi ksur tal-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem.

“Titlob l-attrici tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“Tiddikjara li bl-ordni ta’ rekwizizzjoni fuq imsemmi u t-tehid kontinwat taht rekwizizzjoni tal-fond taghha fuq imsemmi 14, Kirkop Square, Kirkop, qed jigu miksura d-drittijiet fondamentali taghha ghat-tgawdija tal-proprjeta’ u ghan-non diskriminazzjoni protetti mill-Artikolu 14 u l-ewwel Artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u dan minhabba u fic-cirkostanzi fuq premessi;

“Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti kumpens xieraq u adegwat ghat-tehid ta’ pussess tal-proprjeta’ taghha fuq imsemmija kif fuq inghad u kumpens ghall-ksur tad-drittijiet taghha fondamentali fuq imsemmija liema kumpens jigi likwidat f’dak l-ammont li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti;

“Taghti dawk il-provedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni biex titnehha effettivament il-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghha inkluz ordni lill-intimat biex jirritornalha l-pussess tal-fond fuq imsemmi;

“Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

"Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u d-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali fejn dawn eccepew illi:

"Preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti ma hijiex konsentita illi tezamina l-materja in kwistjoni bbazata fuq allegat ksur tal-Konvenzjoni Ewropea.

*"The Commission has no competence to examine complaints concerning matters which take place before the entry into force of the treaty or the date of ratification by the state in Question* (Law of the European Convention on Human Rights, Harris Boyle and Warwick, pg. 640).

"L-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319 li jinkorpora l-Att imsemmi awtomatikament inehhi mill-applikabilita' tal-Konvenzjoni kull ksur li seta' twettaq,kien b'liema mezz kien, qabel it-30 ta' April 1987, id-data operattiva meta dak l-Att dahal fis-sehh.

"Fuq il-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost:

"i. Ma hemm ebda ksur tal-artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi:

"a. L-ordni ta' rekwizizzjoni numru 14349A saret skond il-ligi;

"b. Ir-rekwizizzjoni ma ggibx tehid forzat tal-proprjeta' izda spussessar pro tempore tal-uzu u tal-amministrazzjoni tal-fond rekwizizzjonat (Joseph John Edwards v. Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali, 25.2.2005);

"c. L-interess pubbliku jikkomprendi kull aspett tal-hajja socjali tal-pajjiz inkluz uzu minn socjeta' filantropika (Albert Galea v. Onor. Dr. Patrick Holland nominee, 29.1.1980);

"d. Di piu', l-iskop pubbliku jista' jkun kemm dirett kif ukoll indirett: ghaldaqstant proprjeta' privata tista' sahansitra tittiehed biex jigu promossi attivitajiet kummercjali li jkunu direttament jew anke indirettament fl-

interess pubbliku, sakemm dak l-interess pubbliku, dirett jew indirett, jibqa' jissussisti ghall-perjodu kollu ta' dik l-interferenza (Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonic Ghaxaq v. Kummissjoni tal-Artijiet, 8.1.2007);

"e. Illi meta l-iskop pubbliku jkun wiehed socjali, il-valur li jigi pretiz minn sid il-fond bhala kumpens tal-uzu li qed isir mill-fond ma jistax jitkejjel mal-valur li l-fond igib fis-suq: dement illi l-ammont, zghir kemm hu zghir, "*pursues a purpose of general interest which was not manifestly without foundation*", dan huwa gustifikat u legalment accettat (Mellacher and Others v. Austria, 1989).

"ii. Ma hemm ebda ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi f'sitwazzjonijiet simili mhux qed jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat.

"Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt.

"Rat in-nota tal-intimat Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u l-Avukat Generali li permezz taghha irrinunzjaw ghall-ewwel eccezzjoni mressqa minnhom.

"Rat ir-risposta tal-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal-Kirkop li laqa' l-kawza billi sostna illi:

"Effettivament il-fond bin-numru 14, Kirkop Square, Kirkop, gie rekwizizzjonat fit-3 ta' Dicembru 1955 permezz ta' ordni ta' rekwizizzjoni numru 14349A mill-awtorita' kompetenti u allokat lill-Kazin tal-Banda San Leonardo;

**"Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta**

"L-esponent isostni illi l-Artikolu 8 tal-Kap. 125 jghid illi d-Direttur jista' f'kull zmien, b'ittra ufficjali, jordna lir-rekwizizzjonat li jirrikonoxxi l-inkwilin ta' fond taht Ordni ta'

Rekwizizzjoni. Id-Direttur intimat ma kienx marbut li jaghmel tali procedura sabiex jigi rikonoxxut l-esponent.

“Fil-kawza Carmen Cassar vs Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali (deciza 30 ta’ Gunju 1997), il-Qorti ta’ Appell sostniet illi ‘*ghandu jkun car mid-dispozizzjoni espressa tal-ligi illi: dan is-subinciz (cioe’ Art. 8 tal-Kap. 125) jaghti diskrezzjoni lid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali li jaddotta din il-procedura ta’ rikonoxximent. Ma jimponi fuqu l-ebda obbligu jew dover li hekk jaghmel.’* (parentezi mizjuda)

**“Tibdil fil-fond de quo**

“In oltre, mhux minnu illi l-Kazin intimat-esponent ipproceda minghajr l-awtorita’ tas-sidien biex jaghmel alterazzjonijiet u tibdil strutturali. Ghandu jinghad illi kif se tirrizulta mit-trattazzjoni ta’ din il-kawza illi s-soqfa tal-fond kienu waqghu u l-istat tieghu kien wiehed zdingat. Ix-xogholijiet li saru kienu necessarji, inkluzi dawk li saru fil-gnien. Il-fond kien affettwat minn hsara serja u kien thalla fi stat zdingat u kwazi abbandunat. Il-Kazin esponenti jirrileva illi l-pilastri li kien hemm fil-gnien kienu mhennija u ma kienx hemm statwi jew dekorazzjoni ohra.

**“Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll**

“L-Ordni ta’ Rekwizizzjoni odjerna ma tistax titqies bhala ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u dan ghaliex bil-hrug ta’ tali ordni tinholoq sitwazzjoni li bih proprjetarju jigi spossessat mill-bini tieghu u hu obbligat li jirrilaxxja kull kontroll fuq dak il-bini li jippossjedi u jhallih f’idejn l-awtorita’ rekwizizzjonanti izda ma ggibx maghha trasferiment tal-proprjeta’ mis-sidien ghal ghand l-awtorita’ rekwizizzjonanti u s-sidien huma intitolati li jippercepixxu l-kera minghand l-inkwilin. L-Artikolu wiehed [1] tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jaghti dritt lill-istat li jwettaq dawk il-Ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta’ proprjeta’ skond l-interessi generali.

“Fil-kawza ‘Attilio Ghigo v. Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali’ (deciza 28/2/2005), il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi,

'*l-ordni ta' rekwizizzjoni huwa maghmul in forza ta' ligi intiza biex tikkontrolla "l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali". Fl-implimentazzjoni ta' policies ta' natura socjo-ekonomika, il-margini ta' apprezzament moghtija lill-Istat huma wiesgha hafna. Fir-rigward tal-espressjoni "interess generali", il-Qorti Ewropea ukoll accettat li l-Istat ghandu a wide margin of appreciation u l-Qorti tirrispetta l-gudizzju tal-legislatura kemm-il darba dan ma jkunx manifestament minghajr bazi.*' Ghalhekk l-esponenti isostnu illi r-requisition order saret fl-interess pubbliku ma hemm l-ebda ksur ta' proporzjonalita'.

**"Diskriminazzjoni**

"Biex tirnexxi kawza ghad-diskriminazzjoni jehtieg illi tkun komplementata ma' xi dritt iehor enuncjat fil-Konvenzjoni Ewropea. In oltre, il-Qorti ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, fil-kuntest ta' "diskriminazzjoni", tindirizza l-mistoqsija jekk kienx hemm xi vjolazzjoni ta' xi artikolu sustansiv tal-Konvenzjoni. Il-Kazin esponent ma jistax jara ebda ksur ta' tali dritt sostansiv fil-kawza odjerna. Meta wiehed jallega diskriminazzjoni huwa ghandu jipprova illi persuni illi huma fis-sitwazzjonijiet analogi ma jkunux trattati diversament mill-Istat (Vide l-kaz ta' Litghow and others vs. United Kingdom [1986]). Fil-kawza odjerna ma hemm l-ebda trattament differenti.

"Ghaldaqstant, l-esponent jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern a spejjez interament tar-rikorrenti.

"Daqstant il-Kazin esponent ghandu l-unur iwiegeb u jhalli ghall-gudizzju savju u superjuri ta' dina l-Onorabbli Qorti fil-Kompetenza Kostituzzjonali taghha.

"Rat id-dokumenti esebiti.

"Rat l-affidavit prodotti.

"Semghet xhieda viva voce.

"Ikkunsidrat in-nota tal-intimati datata 10 ta' Lulju 2009, li permezz taghha huma rrinunzjaw ghall-ewwel eccezzjoni taghhom.

"Ikkunsidrat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa.

"Rat l-atti kollha tal-kawza.

"Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

"Fatti

"Jirrizulta mill-provi illi r-rikorrenti hija proprjetarja tal-fond Nru. 14, Kirkop Square, Kirkop. Dan il-fond kien gie rekwizizzjonat f'Dicembru tal-1955 u gie allokat lill-Kazin tal-Banda intimat. Peress illi l-intimat Kazin qatt ma gie rikonoxxut bhala inkwilin, baqghet tithallas is-somma ta' Lm30 (tletin Lira) lis-sid mill-awtoritajiet. Imbaghad mis-sena 2008 'l hawn, il-Kazin intimat beda jiddepozita l-kera fil-Qorti. Permezz ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrenti qed titlob dikjarazzjoni li dan it-tehid kontinwat tal-proprjeta' taghha huwa leziv tad-dritt fondamentali taghha ghat-tgawdija tal-proprjeta' u huwa ukoll diskriminatorju. Qed titlob permezz ta' dawn il-proceduri ukoll li din il-Qorti taghtiha rimedju. L-intimati jichdu dan il-ksur allegat.

"L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea

"Dan l-artikolu jipprovdi illi:

*""Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law.*

*"The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."*

“L-interpretazzjoni ta’ dan il-provvediment kif konsistentement ritenuta mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fondamentali u kif ukoll minn dawn il-Qrati f’dawn l-ahhar snin tesigi zewg ezamijiet li jridu jigu sodisfatti sabiex it-tehid ta’ proprjeta’ da parti tal-awtoritajiet tista’ titqies gustifikata u cioe’, il-htiega ta’ interess pubbliku u mbaghad il-kumpens xieraq.

“<u>Interess Pubbliku</u>

“L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza Dr. Carmelo Vella et vs. Segretarju tad-Djar et (30 ta’ Dicembru 1993), li kienet tirrigwarda l-istess proprjeta’ li dwarha hija din il-kawza llum, spjegat hekk il-kuncett ta’ interess pubbliku.

*““Il-pubbliku interess li f’ismu jittiehdu dawn id-decizjonijiet u jsiru dawn l-atti, mill-awtorita’ pubblika emanazzjoni tar-‘<u>res publica</u>’ – l-universalita’ tar-‘res’ li fiha jingabar il-gid komuni tac-cittadini kollha u ghal-liema gid komuni huma diretti l-ligijiet, - qatt ma jista’ jkun riferit ghal kwalsiasi interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m’ghandux applikazzjoni ghall-generalita’ tac-cittadini, tal-universalita’ tal-pubbliku fl-Istat. Ir-ragunament fis-sentenza Galea vs. Holland huwa fallaci ghaliex l-uzu ta’ fond ghall-skopijiet kulturali, jista’ jkun maghmul fl-interess pubbliku jekk l-attivita’ kulturali tkun maghmula minn awtorita’ pubblika u mhux meta tkun maghmula minn persuna jew assoccjazzjoni privata, billi l-uzu, fl-ewwel lok, huwa fl-interess ta’ dik il-persuna jew assoccjazzjoni. Il-possibilita’ ta’ access tal-pubbliku ghal dik l-attivita’ ma titrasformahiex b’daqshekk, minn attivita’ li hija intrinsikament privata f’attivita’ intrinsikament pubblika. U di fatti dik l-accessibilita’ tista’ tigi ristretta u limitata kif jidhirlu l-interess privat.”*

“Qalet ukoll:

*““Din il-Qorti, fl-imsemmija sentenza Galea vs. Holland kienet argumentat illi galadarba l-Edukazzjoni hija ta’ interess pubbliku allura ghandu jkun hemm skejjel li jippropagaw l-edukazzjoni. Dan izda m’huwiex logikament*

*preciz – ghaliex il-punt m'huwiex jekk l-Edukazzjoni hijiex ta' interess pubbliku, izda jekk huwiex fl-interess pubbliku li l-Istat jipprovdi fond immobbli, ghal skola privata billi jirrikwizizzjona proprjeta' privata. Jekk dan ma jigix precizat, il-koncett ta' interess pubbliku jigi improprjament estiz ("portata mill-aktar estensiva") biex jawtorizza l-indhil tal-Istat f'kull attivita' koncepibbli, inkwantu llum, prattikament, kull attivita' tinteressa l-istat modern, u ghalhekk flok mal-koncett iservi sistema demokratiku, jigi jservi sistema totalitarju. Kif facilment jista' jigi intuwit, proprju ghaliex m'hemm ebda limitazzjoni koncettwali dan il-kwalita' ta' "interess pubbliku" jista' facilment jasal ukoll biex jimmina anke d-drittijiet u libertajiet fundamentali, billi skond l-Art. 32 tal-Kostituzzjoni, kull persuna hija intitolata ghad-drittijiet u libertajiet fundamentali, jigifieri d-dritt ghall-hajja, liberta', sigurta' tal-persuna, it-tgawdija ta' proprjeta' u l-protezzjoni tal-ligi, il-liberta' ta' kuxjenza, ta' espressjoni u ta' assoccjazzjoni pacifika u r-rispett ghall-hajja privata u familjari tieghu – liema drittijiet pero' huma suggetti ghar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ohrajn u ta' l-<u>interess pubbliku</u>. M'huwiex ghalhekk possibli ghal din il-Qorti li taqbel ma' dawk il-konnotazzjonijiet tal-interess pubbliku li semmew.*"

"Din il-konsiderazzjoni baqghet ferma matul is-snin. Ricentement fil-kawza "Grech et vs. Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et" (7 ta' Dicembru 2010), rega' ntqal illi:

*""L-interess pubbliku qatt ma jista' jirreferi ghall-interess essenzjalment privat, u l-interess hu dejjem privat meta ma ghandux applikazzjoni ghall-generalita' tac-cittadini, tal-universalita' tal-pubbliku fl-Istat, u dan ghaliex jekk ma jigix precizat sew il-kuncett ta' interess pubbliku, dan jista' jintuza biex jimmina d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea.*"

"Dan stabbilit, wiehed ma jridx sforz mentali kbir biex jasal ghall-konkluzjoni li lanqas il-kundizzjoni l-ohra qatt ma giet sodisfatta. Kera irrizorju ta' tletin Lira Maltin m'hija kumpens xejn. Bit-test skond id-decizjonijiet, per ezempju,

Edwards vs. Malta (24 ta' Ottubru 2007) u Ghigo vs. Malta (17 ta' Lulju 2008), f'ghajnejn il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-piz fuq ir-rikorrenti huwa "a disproportionate and excessive burden" (ara f'dan is-sens Gatt et vs. Avukat Generali – deciza mill-Imhallef T. Mallia fil-15 ta' Lulju 2010, konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Lulju 2011).

"L-intimati, min-naha taghhom ma jaqblux ma' dan l-insenjament u jelaboraw hafna fuq is-siwi socjali u kulturali tal-kazini tal-banda. Din il-Qorti ma trid tnaqqas xejn minn dan is-siwi. Madanakollu hija tal-fehma, kif intqal aktar 'il fuq, li dan ma jammontax ghall-interess pubbliku kif rikjest mill-Konvenzjoni u interpretat mill-Qrati.

"Fid-dawl ta' dan il-principju, il-Qorti hi tal-fehma li t-tehid tal-proprjeta' tar-rikorrenti ghall-uzu ta' kazin tal-Banda huwa lezi ta' dritt fondamentali taghha kif sancit mill-konvenzjoni fuq citata.

"<u>Diskriminazzjoni</u>

"L-Art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

"***Article 14 – Prohibition of discrimination***

*"The enjoyment of the rights and freedoms as set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social sign, association with a national minority, property, birth or other status."*

"Hawnhekk ukoll din il-Qorti tqis li d-dritt tar-rikorrenti gie mittiefes. Ghalkemm l-intimati jargumentaw illi ma ngabet ebda prova ta' dan mill-istess rikorrenti, ma jistax jitqies, kif isostnu l-intimati, li l-allegazzjoni saret "in vacuo". It-tehid sar minn fost kumpless shih ta' bini li, fiz-zmien mod, u issa iehor, jikkomponi r-rahal. Huwa fatt ovvju illi ma ttiehdux id-djar kollha fir-rahal biex jitgawdew mill-kazin. Ittiehdet, u ghadha qieghda tittiehed taghha biss. Hi wahedha qed terfa' l-piz impost fuqha mill-awtoritajiet biex

jinqeda l-kazin. Tali sitwazzjoni fil-fehma ta' din il-Qorti hija minnha nnifisha diskriminatorja.

"Ir-rikorrenti tilmenta ukoll illi l-intimat Kazin tal-Banda ghamel alterazzjonijiet fil-fond de quo, liema alterazzjonijiet ikkawzaw hsara fih u fil-fatt snaturawh. Dan l-ilment, ghalkemm jidher li ghandu mis-sewwa, ma jaqax fl-ambitu ta' dawn il-proceduri, li huma ta' indoli kostituzzjonali u ghalhekk m'huwiex ser jigi konsiderat mill-Qorti f'dawn il-proceduri.

"Rimedju

"Galadarba, il-Qorti stabbiliet li t-tehid tal-fond huwa lesiv tad-drittijiet tar-rikorrenti, din il-Qorti ser tordna li, fi zmien ragjonevoli li ser jigi impost, l-istess intimati ghandhom jirritornaw il-fond lir-rikorrenti (ara Montanaro Gauci vs. Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali – deciza fid-9 ta' Dicembru 2010).

"Kumpens

"Jibqa' mbaghad il-kalkolu tal-kumpens li ghandu jinghata lir-rikorrenti. Sabiex tistabilixxi dan, il-Qorti ghamlet diversi konsiderazzjonijiet.

"i. Il-valur tal-fond. Dan gie stabbilit mill-perit mqabbad mill-istess rikorrenti li huwa ta' Lm180,000 L-istess perit stima ukoll il-valur lokatizju tal-fond.

"ii. Il-fatt li r-rikorrenti jew aventi causa taghha accettaw kera minghand l-awtoritajiet m'huwiex qed jinghata piz ghar-raguni li l-ammont huwa irrisorju.

"iii. Id-durata twila tat-tehid li ghadu ghaddej, liema tehid ir-rikorrenti jew l-aventi causa taghhom dejjem ittentaw jikkumbattu skond ir-rimedju lilhom accessibbli tul iz-zminijiet.

"iv. L-Artikoli 41 tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi illi:

"***Article 41 – Just satisfaction***

*"If the Court finds that there has been a violation of the Convention or the protocols thereto, and if the internal law of the High Contracting Party concerned allows only partial reparation to be made, the Court shall, if necessary, afford just satisfaction to the injured party."*

"v. F'dan il-kuntest il-Qorti m'hijiex qed tikkundanna hlas ta' danni civili izda ta' kumpens (Ara Gatt et vs. Avukat Generali et [5 ta' Lulju 2011]).

"vi. Il-fond ser jigi ritornat lis-sid.

"vii. Dan il-kumpens ghandu jithallas miz-zewg intimati stante li kien il-kazin intimat li dejjem gawda mis-sitwazzjoni ingusta li sofriet ir-rikorrenti u li ghadha qed issofri. Madanakollu, galadarba id-durata tal-ingustizzja kienet dejjem bil-kunsens tal-awtoritajiet huma dawn tal-ahhar li jridu jerfghu l-parti l-kbira tal-piz tal-kumpens.

"Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qieghda tiffissa l-ammont ta' kumpens ghal sittin elf Ewro (€60,000).

"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

"1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti;

"2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' sittin elf Ewro (€60,000) bejniethom. Din is-somma ghandha tithallas in kwantu ghal tlett kwarti mill-intimat Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u kwart mill-Kazin tal-Banda intimat;

"3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal-Kirkop biex fi zmien tlett xhur mil-lum jizgombra mill-fond 14, Kirkop Square, Kirkop, u jirritorna l-pussess tal-istess fond lil Josephine Mary Vella.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati fi kwoti indaqs bejniethom."

**Rikors tal-Appell tal-intimati Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u tal-Avukat Generali**

**3.** L-appellanti Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u l-Avukat Generali hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponew appell minnha b'rikors prezentat fil-31 ta' Ottubru 2011.

**4.** Fil-qosor, l-aggravji taghhom huma s-segwenti:
i. **L-ewwel aggravju** huwa li l-Ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjoni zbaljata tad-dritt konvenzjonali kif protett taht l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u dan meta tenniet li t-tehid tal-proprjeta` tar-rikorrenti ghall-uzu ta' kazin tal-banda ma sarx fl-interess generali.

ii. **It-tieni aggravju** jirrigwarda l-lezjoni li sabet l-ewwel Qorti dwar ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja meta sabet li kienet biss il-proprjeta` tar-rikorrenti li giet assoggettata ghall-ordni ta' rekwizzjoni u ghalhekk kienet hi wahedha li tghabbiet bil-piz impost mill-awtoritajiet biex jinqeda l-kazin tal-banda San Leonardo.

iii. **Fit-tielet aggravju** l-appellanti ma jaqblux mar-rimedju ta' zgumbrament u ta' kumpens fi flus li ordnat l-ewwel Qorti favur ir-rikorrenti appellata.

**Rikors tal-Appell tal-intimat Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal-Kirkop**

**5.** Is-socjeta` intimata hasset ruhha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u interponiet appell minnha fejn talbet ir-revoka taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellata.

**6.** L-aggravji taghha huma s-segwenti:

**Fl-ewwel aggravju** l-appellanti tikkontesta l-fatt li r-rekwizzjoni ma saritx fl-interess pubbliku.
**It-tieni aggravju** jirrigwarda l-ordni tal-ewwel Qorti fejn ordnat lill-Kazin tal-Banda biex jizgombra mill-fond

imsemmi u li jirritorna l-pussess tal-istess fond lir-rikorrenti.

**Fit-tielet aggravju** l-appellanti tghid li ma ngabet ebda prova li kien hemm diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti appellata.

**Ir-raba' aggravju** huwa marbut mat-tieni u tielet aggravju u l-appellanti jsostni li l-azzjoni tal-Istat ma kinitx wahda diskriminatorja u, anke kieku hemm ksur, dan ma jistax jigi attribwit lilhom.

**Risposta tal-appell u Appell Incidentali tar-rikorrenti Josephine Mary Vella.**

**7.** Ir-rikorrenti appellata wiegbet ghall-appelli interposti billi, ghar-ragunijiet minnha msemmija, sahqet li l-appelli huma nfondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

**8.** Ir-rikorrenti appellata interponiet appell incidentali billi (i) hasset li l-intimati huma solidalment responsabbili ghad-danni jew kumpens dovut lilha kif ukoll (ii) li dak il-kumpens ghandu jkun ghola biex verament jirrifletti t-telf kbir li hi ghamlet tul is-snin.

**Risposta tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u tal-Avukat Generali ghar-rikors tal-Appell Incidentali tar-rikorrenti Josephine Mary Vella.**

**9.** L-intimati pprezentaw ir-risposta taghhom li in forza taghha ssottomettew li z-zewg aggravji tar-rikorrenti appellata fl-appell incidentali taghha huma t-tnejn legalment insostenibbili u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

**Fatti mertu tal-kawza**

**10.** Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti, din il-Qorti thoss li jkun qabel xejn opportun illi taghti sfond fil-qosor tal-fatti mertu tal-kawza inkwistjoni.

**11.** Ir-rikorrenti hija proprjetarja tal-fond numru 14, Kirkop Square, Kirkop, liema fond gie rekwizzjonat fl-1955 (R.O.14349A) u gie allokat mill-awtorita` kompetenti lill-Kazin tal-Banda San Leonardo. Il-Kazin qatt ma gie rikonoxxut bhala inkwilin mis-sidien u l-kera baqghet tithallas lis-sidien minghand l-awtorita` intimata. Mill-2008 'il quddiem il-Kazin beda jiddepozita l-kera ta' Lm30 fis-sena fil-Qorti. Ir-rikorrenti ssostni r-rekwizzjoni ma saritx fl-interess pubbliku kif wkoll li saret hsara irreparrabbili mill-Kazin fl-istess fond.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**12.** Ir-rikorrenti f'din il-kawza qed titlob dikjarazzjoni li bl-ordni ta' rekwizizzjoni numru 14349A t-tehid kontinwat tal-fond taghha 14, Kirkop Square, Kirkop, qed jigu miksura d-drittijiet fundamentali taghha ghat-tgawdija tal-proprjeta` u ghan-non diskriminazzjoni protetti mill-Artikolu 14 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**13.** L-ewwel Qorti ddecidiet li t-tehid tal-proprjeta` tar-rikorrenti ghall-uzu ta' kazin tal-Banda huwa leziv ta' dritt fundamentali taghha kif sancit mill-konvenzjoni billi s-siwi socjali u kulturali tal-kazin tal-banda ma jammontax ghall-interess pubbliku kif rikjest mill-Konvenzjoni u interpretat mill-Qrati. Inoltre l-kumpens ta' Lm30 mhux kumpens xejn, u ghalhekk ir-rikorrenti qed iggor *"a disproportionate and excessive burden."*[1] L-ewwel Qorti sabet ukoll li kien hemm diskriminazzjoni billi r-rikorrenti wahedha qed terfa' l-piz impost fuqha mill-awtoritajiet biex jinqeda l-kazin.

**Interess pubbliku**

**14.** **Fl-ewwel aggravju** taghhom l-intimati jikkontendu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta irriteniet li l-ordni ta'

[1] Din il-Qorti tosserva li jekk l-ewwel Qorti sabet li r-rekwizizzjoni ma hargitx fl-interess pubbliku, hi ma kelliex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni ta' proporzjon u kumpens billi l-ghan ma kienx legittimu u r-rekwizzjoni harget kontra l-ligi.

rekwizizzjoni ma saritx fl-interess pubbliku kif dispost fl-A1P1[2] tal-Konvenzjoni Ewropeja. L-appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti strahet esklussivament fuq is-sentenza **Dr.C.Vella et v. Segretarju tad-Djar et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Dicembru 1993 meta llum 'il gurnata, skont il-gurisprudenza l-aktar recenti, dak li verament jiswa huwa li l-interess pubbliku jkun marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` tkun qed tintuza u mhux jekk is-servizz jinghatax mill-Gvern. Skont l-intimati, l-ordni ta' rekwizizzjoni ma saritx fl-interess tat-terz privat jew organizazzjoni privata imma fl-interess tal-generalita`. Isostnu li l-Kazin tal-Banda ghandu ghan ahhari socjali, funzjoni kulturali u edukattiva fit-taghlim tal-muzika. Il-kazin miftuh ghal kulhadd u l-iskop kien u baqa' fl-interess tal-pubbliku in generali.

**15.** Min-naha l-ohra l-appellata ssostni li kienet korretta l-ewwel Qorti meta ddecidiet li ma kienx hemm interess pubbliku u f'dan hija kienet suffragata minn gurisprudenza ta' din l-istess Qorti. Tkompli li l-intimati hlew hafna hin jiddibattu jekk it-tehid huwiex fl-interess pubbliku jew le, mentri dak li kellu jigi dibattut kien jekk it-tehid tal-kazin sarx taht kundizzjonijiet gusti.

**16.** Din il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Dr.C.Vella et v. Segretarju tad-Djar et** li fuqha l-ewwel Qorti bbazat il-gudizzju taghha u tghid li llum 'il gurnata, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza ta' din il-Qorti u dik ta' Strasbourg, ghalkemm dak li nghad f'dik is-sentenza ghad ghandu certa validita` izda illum il-gurisprudenza evolviet u l-interpretazzjoni ta' x'inhu interess pubbliku hija aktar fis-sens indikat fis-sentenzi li saret referenza ghalihom fl-ewwel aggravju tal-intimati[3]. Skont din il-gurisprudenza dak li jiswa' huwa li l-interess pubbliku jkun immirat ghal generalita` u marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` qed tintuza, u dan indipendentement

[2] L-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

[3] **E.Vella pro et noe v. Kumm. Artijiet et** 27 ta' Frar 2003; **T. Borg v. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et** deciza Q.K. 28.1.2005; **Abdilla v. Seg.Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet et** Q.K. 30.5.2003; **M.Cutajar noe v. Kumm. Art.** 30.11.2001; **Dr.R. Frendo Randon et v. Kum. Art** deciza 10 ta' Lulju 2009; **P. Farrugia et v. Avukat Generali** 30.7.2010; **V.Gatt v. Avukat Generali** 5.7.2011;

minn jekk dik l-attivita` tkunx maghmula minn awtorita` pubblika.

**17.** F'dan il-kaz ir-rekwizzjoni harget fl-interess pubbliku (ara fol. 95 ) u l-iskop kien biex il-proprjeta` tintuza mill-intimat Kazin San Leonardo. L-interess pubbliku jinkludi kull aspett tal-hajja socjali tal-pajjiz u fond ikun qed jintuza fl-interess pubbliku jekk jintuza ghal skopijiet kulturali. Fir-rigward tal-espressjoni "interess generali" il-Qorti ta' Strasbourg taccetta li *"it will respect the legislature's judgment as to what is in the "public" or "general" interest unless that judgment is manifestly without reasonable foundation" (see Immobiliare Saffi v. Italy, [GC], no. 22774/93, § 49, ECHR 1999-V, and, Broniowski, § 149;* ***Ghigo v Malta*** *28/2/2005).*

**18.** F'dan il-kaz ma jistax jinghad li l-interess kien merament privat billi l-interess ghandu applikazzjoni ghall-generalita` tac-cittadini. **"**Skop socjali jew kulturali jolqot firxa differenti ta' nies, anke jekk ikun hemm persuni li ma jinteressawx ruhhom f'attivitajiet ta' din ix-xorta"[4]. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ordni ta' rekwizzjoni harget fl-interess pubbliku billi l-ghan ahhari tal-Kazin hu wiehed socjali u kulturali li jseddaq l-identita` generali tal-lokalita` u jizviluppa t-talent muzikali fil-lokal, u dan indipendentement mill-fatt li dan is-servizz qed jinghata mill-privat u mhux mill-Gvern.

**19.** Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi milqugh.

**Diskriminazzjoni**

**20.** **Fit-tieni aggravju,** l-appellanti Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u l-Avukat Generali, u **fit-tielet u raba' aggravju** l-appellant Kazin tal-Banda San Leonardo, isostnu li fil-kaz prezenti mhux biss ma kien hemm l-ebda trattament divers izda li lanqas biss kienu jezistu l-elementi komminati fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni stante li r-rikorrenti ma gabitx raguni li turi xi hjiel ta' diskriminazzjoni fuq bazi ta' *'status'*. Inoltre r-rikorrenti ma

[4] **P.Grech pro et noe v. Direttur Akkomodazzjoi Socjali** 7 ta' Dicembru 2010. Q.K.

gabet ebda prova li persuni jew gruppi ta' persuni f'sitwazzjoni analoga gew trattati b'mod differenti.

**21.** L-intimata ssostni li d-diskriminazzjoni hija insita fil-fatt li ma giex muri xi kejl, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ezercitata mill-awtorita`, li jiddifferenzja l-proprjeta` tal-appellata minn dik ta' ohrajn. Il-fatt li l-proprjeta` taghha giet rekwizizzjonata waqt li ta' haddiehor ma gietx, hija fiha nnifisha diskriminatorja.

**22.** Din il-Qorti ma taqbilx li hemm diskriminazzjoni bis-semplici fatt li l-proprjeta` tal-appellata giet rekwizizzjonata waqt li ta' haddiehor le. Il-fatt li f'dan il-kaz giet kolpita biss il-proprjetà tal-appellata ma huwiex fih innifsu diskriminatorju ghar-raguni ta' ksur ta' dritt ta' proprjetà taht A1P1, (*status)* imma jrid jigi ppruvat li s-sitwazzjoni taghha kienet analoga ghal dik ta' persuni ohra li fil-paragun maghhom kienet qed tippretendi li giet zvantaggjata u diskriminata.

**23.** Fil-fehma tal-Qorti, l-aktar definizzjoni cara ta' xi tfisser "diskriminazzjoni" f'dan il-kuntest inghatat mill-Qorti Ewropeja fis-sentenza taghha tat-28 ta' Settembru, 1995 fil-kawza fl-ismijiet ***Spadea and Scalabrino v. Italy***. Dik il-Qorti qalet hekk: *"Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in "relevantly" similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established,* inter alia*, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated".*

**24.** F'dan il-kaz ir-rikorrenti kellha ggib prova li turi li kien hemm haddiehor fl-istess inhawi u fl-istess pjazza ta' Hal-Kirkop li kellu proprjeta` vojta u mhux uzata bhal taghha u li din setghet tintuza ghal ezigenzi tal-kazin tal-banda u minflok intghazlet il-proprjeta` taghha. Fil-fehma tal-Qorti, la l-ewwel Qorti u lanqas ir-rikorrenti ma taw raguni ghaliex qed jikkontendu li kien hemm diskriminazzjoni u liema kienu l-persuni li allegatament gew vantaggati meta paragunati ma' l-appellata.

**25.** Ghalhekk il-fatt li kienet il-proprjeta` tar-rikorrenti biss li giet assoggettata ghall-ordni ta’ rekwizzjoni u ghalhekk kienet hija wahedha li tghabbiet bil-piz impost mill-awtoritajiet biex jinqeda l-kazin tal-banda San Anard mhux necessarjament ifisser li kien hemm diskriminazzjoni. Lanqas ma kien mistenni li l-awtoritajiet jiehdu l-proprjeta` ta’ kullhadd f’dawk l-inhawi biex ma ssirx diskriminazzjoni ma’ l-appellata.

**<u>Kumpens – ordni ta’ zgumbrament</u>**

**26.** **<u>Fit-tielet aggravju</u>** l-appellanti Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u tal-Avukat Generali ma jaqblux mar-rimedju moghti mill-ewwel Qorti dwar zgumbrament u l-kumpens ta’ flus.

**27.** **<u>Dwar zgumbrament</u>**

**28.** L-appellanti pprezentaw aggravju inkwantu ghar-rimedju fejn l-ewwel Qorti ordnat l-izgumbrament tal-Kazin. Huma jsostnu li ma kelliex ghalfejn tigi imposta din is-sanzjoni la darba r-rekwizizzjoni harget bhala mizura fl-interess generali, altrimenti jkun ifisser li rekwizizzjoni tkun giet fix-xejn.

**29.** Fil-kaz in ezami din il-Qorti hija tal-fehma li ladabra, l-ewwel Qorti sabet vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-appellata billi ma nzammx bilanc bejn l-interessi tas-sid u tal-inkwilin fir-rigward tal-kera li l-inkwilin kellu jhallas, l-ewwel haga li kellha tigi rindirizzata kien l-izbilanc riskontrat. Ladarba l-validita` tal-lokazzjoni m’hijiex mertu ta’ dawn il-proceduri r-rekwizizzjoni ghadha valida, din il-Qorti ma tarax illi huwa kompitu fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li taghti ordni ta’ zgumbrament.

**30.** Kemm l-appellanti kif ukoll l-appellata ressqu aggravju fuq ir-rimedju tal-kumpens moghti. Dan l-aggravju taz-zewg partijiet ser jigi kkunsidrat kontestwalment.

**31.** Dwar kumpens, l-appellanti jsostnu li l-ammont likwidat hu pjuttost eccessiv waqt li l-appellata tghid li l-kumpens kellu jkun f'somma wisq akbar.

**32.** Jigi senjalat li l-intimati appellanti jaqblu li s-somma ta' Lm 30 fis-sena (illum €69.88) ma tistax titqies bhala kumpens bilancjat ghall-piz li qed iggorr l-appellata bhala konsegwenza tal-ordni ta' rekwizizzjoni. Ghalhekk m'huwiex qed jigi kontestat mill-appellanti li kien hemm zbilanc u nuqqas ta' proporzjon.

**33.** Madanakollu l-appellanti jikkontendu li l-ammont ta' kumpens likwidat ghandu jigi ridott billi:

I. il-mizura ta' interferenza saret fl-interess generali;

II. l-isproporzjon fil-kera ma kienx jezisti minn meta harget ir-rekwizzjoni, izda fl-ahhar hmistax-il sena;

III. l-appellata akkwixxiet ghall-ammont ta' kera meta hija gabret dik il-kera minghand id-Dipartiment tad-Djar minghajr riservi;

IV. l-appellata tnikkret u halliet jghaddu s-snin biex tiftah dawn il-proceduri.

**34.** Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn l-erba' sottomissjonijiet m'humiex minghajr mertu.

**35.** Ma jistax jinghad li l-isproporzjon kien hekk mill-bidunett meta harget ir-rekwizizzjoni fl-1955 billi ghal dak iz-zmien u ghal snin ta' wara, almenu sas-snin tmenin, dik is-somma gewwa rahal bhal Hal-Kirkop ma kienitx wahda baxxa.

**36.** Jirrizulta wkoll li l-appellata u l-awturi taghha kienu accettaw li jirtiraw l-arrettrati ta' kera li kien depozitat ghand id-Dipartiment tad-Djar, ghalkemm dan ma jfissirx li

huma ma kienux gew pregudikati bil-hrug tar-rekwizzjoni inkwistjoni[5].

**37.** Kif gja` nghad, fil-fehma tal-Qorti, ir-rekwizzjoni kienet wahda legittima u saret minhabba ezigenzi socjali u fl-interess generali u ghalhekk il-kumpens kellu jkun anqas mill-valur shih fis-suq. Min-naha l-ohra l-appellata ssostni li l-ewwel Qorti waslet f'temperament tal-kumpens moghti billi kienet qed tordna li l-fond jigi ritornat lis-sid.

**38.** Fuq il-fond mertu tal-kawza, l-appellata u l-aventi causa taghha ma kkontestawx il-validita` tal-ordni ta' rekwizizzjoni hlief li pprezentaw ir-rikors kostituzzjonali odjern fl-2007. Hu minnu wkoll min-naha l-ohra li l-appellata u l-aventi kawza taghha qatt ma rrikonoxxew l-inkwilin.

**39.** Fil-fehma tal-Qorti d-dewmien biex l-appellata tiehu passi biex tibda dawn il-proceduri ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fit-tnaqqis tal-ammont tal-kumpens li ghandu jinghata. Infatti din il-Qorti rrikonoxxiet li "jista' jkun hemm sitwazzjonijiet meta l-inattivita` tal-persuna li l-proprjeta` taghha tkun giet dikjarata li hija mehtiega ghal skop pubbliku, tista' tittiehed in konsiderazzjoni biex wiehed jara jekk dik il-persuna kellhiex mezz xieraq ta' rimedju…"[6]

**40.** Il-Qorti taghmel ukoll referenza hawnhekk ghal dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet, **P.Grech pro et noe v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali et** deciza fis-7 ta' Dicembru 2010 fir-rigward ta' rekwizzjoni ta' fond, f'kaz li kien jikkoncerna partit politiku.

"Din il-Qorti wkoll ma tantx hi propensa taghti kumpens gholi meta tqis li dak li ghamel il-gvern fl-1973 kien meqjus validu skond il gurisprudenza u l-hsieb tal-qrati taghna ta' dak iz-zmien. Illum, agir simili bhal dak li sehh

---

[5] **Grech v. Muscat** Q.K. 10/10/2003; **Fleri Soler v. Malta** 26/9/2006.

[6] Ara Qorti Kost**. Farrugia v. Kummissarju tal-Artijiet**, 25 ta' April 2008; Q.K. **P.Fenech et v. Kummissarju Artijiet** 20/2/2009; Qorti Kost. **Av. Dr. David Tonna pro et noe et v. Kummissarju tal-Artijiet** 3 ta' Marzu 2011.

f'dan il-kaz, jitqies abuziv u irregolari, pero`, dak iz-zmien, il-qrati taghna kienu jharsu lejn sitwazzjoni simili b'lenti differenti u jqisu dak l-agir bhala validu u korrett. Fil-fissazzjoni tal-kumpens illum, din il-Qorti trid izzomm quddiem ghajnejha c-cirkostanza li, ftit jew wisq, dak li ghamel il-gvern tal-gurnata kien meqjus validu minn dawn l-istess qrati".

**41.** L-appellata tissottometti li l-kumpens kellu jigi stabbilit in vista tal-valur lokatizju tal-fond, aggustat ghall-gholi tal-hajja u ghat-telf ta' imghax.

**42.** In vista ta' dak li nghad supra, dak sottomess mill-appellata fl-aggravju taghha fir-rigward tal-kumpens likwidat, ghandu jigi kkunsidrat fl-isfond ta' dak li nghad fil-paragrafi precedenti.
.
**43.** F'dan il-kaz l-ewwel Qorti kkundannat lill-intimati jhallsu €60,000 lill-appellata bhala kumpens minhabba ksur tal-Artikolu A1P1 u fil-likwidazzjoni ta' dan il-kumpens il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-fond kien ser jigi ritornat lill-appellata. Billi din il-Qorti m'hijiex ser tilqa' t-talba ghall-izgumbrament tal-kazin, l-ammont likwidat ghandu jigi mizjud, izda fl-istess waqt billi l-aggravju tal-appellanti dwar il-kumpens ma kinux minghajr mertu, ghandu jkun hemm tnaqqis fl-ammont likwidat. Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li f'dawn ic-cirkostanzi l-ammont likwidat ghandu jibqa' kif akkordat mill-ewwel Qorti billi l-aggravji tal-appellata u tal-appellanti jibbilancjaw.

**44.** L-appellata ssottomettiet ukoll li gew kawzati danni fil-kazin li ddeprezzaw il-valur tal-fond. Fil-fehma tal-Qorti din is-sottomissjoni m'hijiex allaccjata ma' l-artikolu tal-Konvenzjoni li fuqhom hija qed tibbaza l-azzjoni taghha. Il-kawza odjerna hija wahda ta' indoli kostituzzjonali u mhux ghal likwidazzjoni ta' danni ghalhekk mhux kompitu ta' din il-Qorti la li tillikwida danni – hlief kumpens ghal lezjoni kostituzzjonali riskontrata - u lanqas li tiddeciedi x'konsegwenzi legali jistghu jgibu l-alterazzjonijiet strutturali li saru fil-fond mill-kazin intimat.

**<u>Ripartizzjoni – Solidarjieta`</u>**

**45.** L-appellanti Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u l-Avukat Generali jaqblu mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-ammont jithallas bejn l-intimati fi kwoti ¾ ghad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u ¼ ghal kazin tal-banda u dan billi l-ordni harget mill-awtoritajiet tal-Gvern waqt li fl-istess hin il-beneficcjarju ewlieni minn din l-ordni kien il-kazin li minflok baqa' passiv u ma pprovax jinnegozja mad-sid fuq kera aktar adegwata.

**46.** L-appellanti Kazin tal-Banda San Leonardo min-naha l-ohra ma qablux billi sostnew li huwa l-Istat li ghandu jwiegeb ghal possibli ksur ta' drittijiet tal-bniedem. Hu mexa biss ma' l-ordni legittima li hareg il-Gvern u m'ghandux ibati (lanqas indirettament) il-konsegwenzi tal-agir tal-istess Gvern.

**47.** Din il-Qorti taqbel mar-ripartizzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti billi ghalkemm huwa veru li l-Istat generalment iwiegeb ghal ksur ta' drittijiet fundamentali izda meta persuna tibbenefika minn dik l-ordni u dan ghal tul ta' snin minghajr bl-ebda mod irrettifika dik is-sitwazzjoni meta huwa kien jaf li mhux qed jigi rikonoxxut bhala inkwilin, allura hija ghandha ggor ukoll parti mir-responsabilita`.

**48.** Fl-appell incidentali taghha l-appellanti tghid li hija ma taqbilx li l-kumpens jew danni kellhom jigu ripartiti bejn l-intimati imma huma kellhom jinstabu solidalment responsabbili tad-danni jew kumpens dovut lilha. Tispjega li hija qatt ma kienet irrikonoxxiet lill-Kazin intimat bhala inkwilin, u ma kellha ebda ness guridiku mieghu. Ir-relazzjoni taghha kienet mal-Awtorita` li kienet responsabbili ghal hlas. Il-kazin huwa responsabbili biss ghax uzufruwixxa mill-proprjeta` taghha. Ghalhekk isostnu li ghandu jkun hemm solidarjeta` bejn l-intimati u mhux ripartizzjoni tad-dannu bejn il-kazin u l-Gvern, kif iddecidiet l-ewwel Qorti.

**49.** Skont l-Artikolu 1089 tal-Kap. 16 jekk ma tkunx iddikjarata mil-ligi, is-solidarjeta` ghandha tkun miftiehma espressament. L-obbligazzjoni hija *in solidum* ghad-

debituri <u>meta huma kollha obbligati ghall-istess haga, b'mod li kull wiehed minnhom jista jigi mgieghel ghall-hlas tad-dejn kollu</u>, u li l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jehles lill-ohrajn lejn il-kreditur (Art. 1094).

**50.** Fil-kaz in ezami kien hemm ripartizzjoni tad-danni skont is-sentenza tal-ewwel Qorti billi l-ordni ta' rekwizzjoni harget mill-awtoritajiet tal-Gvern min-naha wahda mentri min-naha l-ohra l-beneficcjarju ewlieni kien il-kazin li gawda l-post u anke ghamel tibdil fil-fond minghajr awtorizzazzjoni. Illi ghalhekk f'dan il-kaz ir-responsabilita` tal-appellanti lejn l-appellata m'hijiex l-istess anzi hija distinta u ghalhekk ma hemmx solidarjeta` bejniethom.

<u>**Decide**</u>

**51.** Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-appell incidentali tal-appellata; tilqa' l-appell tal-intimati u tirrevoka s-sentenza appellata fil-parti fejn sabet li kien hemm diskriminazzjoni taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u fejn ikkundannat lil-Kazin San Leonardo biex jizgombra mill-fond 14, Kirkop Square, Kirkop filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet li kien hemm lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u fejn ikkundannat lill-intimati jhallsu lill-appellata s-somma ta' €60,000 bejniethom kif indikat fis-sentenza.

**52.** L-ispejjez tal-appell incidentali jithallsu mill-appellata, mentri l-ispejjez tal-Ewwel istanza u l-ispejjez ta' dan l-Appell jithallsu bin-nofs bejn l-intimati appellanti u l-appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------